**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina)**

**vs**

**Anthony Gafa`**
**(ID 35479(M))**

**u**

**Raymond Brincat**
**(ID 6858(M))**

**Illum, 15 ta' Mejju 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati:

**Anthony Gafa`** ta' 27 sena, iben Anthony Gafa` u Joan xebba Grech, imwieled il-Pieta` nhar it-23 ta' Novembru 1978, residenti ġewwa 41, Triq l-Assunta, Marsa u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 34579(M); u

**Raymond Brincat** ta' 48 sena, iben Henry u Doris xebba Williams, imwieled il-Belt Valletta nhar il-20 ta' Diċembru 1957, residenti ġewwa 110, Flat 5, Triq San Kristofru, Valletta u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 6858(M).

Akkużati talli fit-8 ta' Marzu 2006 u fix-xhur preċedenti, ġewwa l-fond **Rocky Bar** li jinsab fi Triq it-Tiġrija, Marsa, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk magħmulin fi żmienijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

1. Meta ma kellhomx liċenzja sabiex joperaw jew mod ieħor ikollhom pussess jew kontroll effettiv ta' magni tal-logħob misjuba fil-fond Rocky Bar li jinsab fi Triq it-Tiġrija, Marsa, inkoraġġew il-logħba ta' sogru li tintlagħab għal flus jew valur ta' flus;

2. Fetħu jew ħaddmu każino` mingħajr ma kellhom liċenzja maħruġa mill-Awtorita' kompetenti;

3. Talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi, immanifatturaw, importaw, żammew jew provdew makni tal-logħob għall-użu ġewwa xi fond li ma kellux liċenzja bħala każino` taħt dan l-Att, mingħajr preġudizzju għal kull responsabilita` oħra taħt xi liġi oħra;

4. Talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi operaw, ippromwovew, biegħu jew ipparteċipaw fi, jew b'xi mod li jkun għenu jew ħajjru l-operat, promozzjoni jew bejgħ ta' logħba;

5. Aktar talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi operaw, ippromwovew, biegħu jew b'xi mod li jkun għenu jew ħajjru l-operat, promozzjoni jew bejgħ ta' logħba;

6. U aktar talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi, xjentement ippermettew l-użu ta' xi post bil-għan tal-operazzjoni, il-promozzjoni, il-bejgħ jew il-logħob ta' xi logħba mhux permess mil-liġi.

Lil **Anthony Gafa`** waħdu, ukoll tali sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tas-26 ta' April 2004, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll tordna l-konfiska tal-oġġetti u l-flejjes kollha esebiti.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tordna r-revoka tal-liċenzji maħruġa fuq il-fond Rocky Bar, li jinsab fi Triq it-Tiġrija, Marsa, kif ukoll liċenzji oħra li l-imputati jista' jkollhom fuq isimhom.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti eżebiti inkluż il-kunsens tal-Avukat Generali tas-16 ta' Frar 2007, fil-konfront tal-ko-imputat Anthony Gafa` u dak fil-konfront tal-ko-imputat Raymond Brincat, bl-istess data, ai termini tal-

Artikolu 74(2) tal-Att dwar Lotteriji u Logħob ieħor (Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta)[1];

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tat-12 ta' Awwissu 2013;

Rat ukoll illi minkejja li din il-Qorti, kif diversement preseduta, semgħet diversi xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, din il-Qorti, kif preseduta, kienet kostretta tordna li l-istess xhieda jiġu mismugħa mill-ġdid u dan stante illi x-xhieda ma kinitx ġiet traskritta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija ntavolata fid-29 ta' Jannar 2019[2];

Rat in oltre n-nota ta' sottomissjonijiet tal-ko-imputat Anthony Gafa` intavolata fis-26 ta' Frar 2019[3] u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-ko-imputat Raymond Brincat, intavolata fis-seduta tat-3 ta' April 2019[4];

Rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Awtorita` ta' Malta dwar il-Logħob tal-25 ta' Ġunju 2019[5];

Semgħet lill-avukat difensur tal-ko-imputat Brincat jiddikjara illi ma kellu xejn x'iżid man-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess ko-imputat, u semgħet ukoll it-trattazzjoni finali ulterjuri tal-avukat difensur tal-imputat Gafa`;

Rat in oltre in-nota tal-ko-imputat Brincat, ippreżentata minnu (mingħajr l-awtorizżazzjoni tal-Qorti) fit-30 ta' Marzu 2023.

**Ikkunsidrat:**

Jibda biex jingħad illi kif jirriżulta miċ-ċitazzjoni odjerna, l-imputazzjonijiet li bihom jinsabu mixlija l-ko-imputati jikkontemplaw reati taħt il-Kapitoli 400 u 438 tal-Liġijiet ta' Malta, illum abrogati. Fl-istess ċitazzjoni, il-Prosekuzzjoni tiċċita l-Artikoli 14, 32(3) u 46(1) tal-Kapitolu 400 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 70 tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan flimkien mal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, fir-rigward tal-addebitu tar-reċidiva miġjub fil-konfront tal-ko-imputat Anthony Gafa` waħdu.

[1] A fol. 31 u 32 tal-proċess u a fol. 156 u 157 tal-proċess.
[2] A fol. 235 *et seq* tal-proċess.
[3] A fol. 239 *et seq* tal-proċess.
[4] A fol. 251 *et seq* tal-proċess.
[5] A fol. 266 *et seq* tal-proċess.

Illi meqjusa l-imputazzjonijiet u l-artikoli ċitati fiċ-ċitazzjoni odjerna, il-Qorti tqis illi r-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni huwa dak li għalih kien jirreferi l-Artikolu 46 tal-Kapitolu 400 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-reat mertu tat-tieni imputazzjoni huwa dak li għalih kien jirreferi l-Artikolu 14 tal-Kapitolu 400 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-reat mertu tat-tielet imputazzjoni huwa dak li għalih kien jirreferi l-Artikolu 32(3) tal-Kapitolu 400 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-reat mertu tar-raba' imputazzjoni huwa dak li għalih kien jirreferi l-Artikolu 6(a) tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta. In kwantu r-reat mertu tal-ħames imputazzjoni, il-Qorti tqis mill-kliem li l-Prosekuzjoni adottat fl-istess imputazzjoni, illi dan huwa r-reat li kien ravviżat fl-Artikolu 6(b) tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-reat mertu tas-sitt imputazzjoni, imbagħad, huwa dak li għalih kien jirreferi l-Artikolu 70 tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti qed tqis illi, kif ingħad, il-kunsens tal-Avukat Ġeneralli sabiex jittieħdu proċedimenti kriminali kontra l-ko-imputati odjerni nħareġ fit-termini tal-Artikolu 74(2) tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward, il-Qorti qed tqis ukoll illi l-Artikolu 48 tal-Kapitolu 400 jiddisponi s-segwenti:

> Ebda proċediment għal reat kontra dan l-Att ma għandu jinbeda ħlief bil-permess tal-Avukat Ġenerali.

Jirriżulta mill-atti proċesswali illi l-Prosekuzzjoni baqgħet ma esebiet ebda kunsens tal-Avukat Ġenerali fil-konfront tal-ko-imputati jew min minnhom ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 400 tal-Liġijiet ta' Malta f'dawn il-proċeduri. Isegwi għalhekk illi l-Prosekuzzjoni ma setgħetx tmexxi bi proċeduri kontra l-ko-imputati għal reati taħt il-Kapitolu 400 fin-nuqqas ta' dan il-permess, li huwa rikjest mil-liġi *ab initio* u *ad validitatem*. <u>Għalhekk lanqas ma tista' l-Qorti tieħu konjizzjoni tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-ko-imputati.</u>

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi mix-xhieda tal-**Ispettur** (iżjed tard Supretendent) **Raymond Aquilina** jirriżulta illi wara li l-Pulizija rċeviet informazzjoni fis-sens illi ġewwa *Rocky Bar* fi Triq it-Tiġrija, Marsa, kien qed isir xi logħob klandestin, konsistenti f'imħatri fuq tiġrijiet ta' żwiemel ta' barra, huwa talab għall-ħruġ ta' mandat ta' tfittxija u arrest mingħand il-Maġistrat (iżjed tard l-Onor. Imħallef) Dr. Michael Mallia u fuq skorta tal-istess mandat, nhar it-8 ta' Marzu 2006, aċċeda ġewwa l-imsemmi fond, flimkien ma' diversi Uffiċjali tal-Pulizija. Jixhed illi kif daħlu fil-fond, kien hemm taraġ ta' madwar sular u nofs, u isfel kien hemm ċertu **Paul D'Amato**, li x'ħin identifikaw ruħhom miegħu bħala pulizija, dan beda jgħajjat "*Kevin gew il-*

*Pulizija*", b'dan għalhekk illi huma telgħu t-taraġ bil-ħeffa, fejn kien hemm diversi nies qed jippruvaw joħorġu mill-kamra fejn kienu jinsabu, f'liema kamra kien qed isir il-logħob. Hemmhekk huma żammew lil dawn il-persuni fil-kamra, li fiha kienu qed jintwerew tiġrijiet taż-żwiemel mill-Ingilterra. Jixhed illi f'din il-kamra kien hemm *monitors* u kien hemm ukoll kamra oħra li fiha kien jinsab **Kevin Brincat**, li tressaq taħt arrest fi proċeduri separati. Jixhed ukoll illi l-istess Kevin Brincat ġie mitkellem fuq il-post, ikkopera mal-Pulizija u iżjed tard irrilaxxja stqarrija. Il-persuni l-oħra fil-fond, bl-esklużjoni tal-ko-imputati odjerni, li kienu qed jaraw it-tiġrijiet taż-żwiemel fl-istess kamra, ukoll ġew mitkellma mill-Pulizija u mressqa fi proċeduri separati.

In kwantu **l-ko-imputati odjerni**, l-Ispettur Aquilina jixhed illi fuq il-post, f'parti oħra tal-fond u mhux fejn kienu qed jintwerew it-tiġrijiet taż-żwiemel, kien hemm kaxxi tal-logħob, li ma kinux jidhru liċenzjati. Jixhed in oltre illi huwa tkellem mal-**ko-imputat Anthony Gafa`**. Iżid jgħid illi dak il-ħin il-kaxxi kienu mixgħulin, iżda ma kien hemm ħadd jilgħab fuqhom. Waqt illi kienu fl-istabbiliment, daħal ċertu **Stacey Chircop**, li beda jitlob lill-ko-imputat Gafa` sabiex jaqdih billi jagħtih ix-xorb. Jixhed in oltre illi sussegwentement, iż-żewġ ko-imputati **Anthony Gafa`** u **Raymond Brincat** irrilaxxjaw stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva. L-Ispettur Aquilina iżid jgħid illi l-flus li nstabu fil-kaxxi tal-logħob ġew elevati, flimkien mal-istess kaxxi, liema kaxxi ġew esebiti formalment fl-atti ta' dawn il-proċeduri (ara l-verbal a fol. 20 tal-proċess).[6] Il-Qorti tinnota illi minkejja li l-istess Spettur Aquilina jixhed illi l-flus misjuba fil-kaxxi ġew esebiti f'dawn il-proċeduri, ma jirriżultax lil din il-Qorti illi dan huwa l-każ. Jirriżulta madankollu illi ġiet esebita kopja ta' riċevuta rilaxxjata lill-ko-imputat **Raymond Brincat** rigwardanti l-kaxxi tal-logħob u l-flus li nstabu f'kull kaxxa, b'kollox f'total ta' ħamsa u erbgħin Lira Maltin u tmenin ċenteżmu (LM45.80) (ara a fol. 30 tal-proċess).

**L-Ispettur Raymond Aquilina**, riprodott, esebixxa wkoll żewġ stqarrijiet rilaxxjati mill-**ko-imputat Anthony Gafa`** nhar it-8 ta' Marzu 2006 u nhar it-30 ta' Settembru 2006 rispettivament[7], kif ukoll stqarrija rilaxxjata mill-ko-imputat **Raymond Brincat** nhar il-15 ta' Marzu 2006.[8] Ix-xhud esebixxa wkoll sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Jeffrey Cilia) vs Anthony Gafa`' mogħtija minn din il-Qorti kif diversement preseduta fis-26 ta' April 2004.[9]

**PS 964 Robert Scicluna** jixhed illi fit-8 ta' Marzu 2006, huwa ġie nkarigat mill-Ispettur Raymond Aquilina sabiex jaċċedi fil-fond *Rocky Bar*, Triq it-Tiġrija,

[6] Ara x-xhieda tal-Ispettur Raymond Aquilina, a fol 105 *et seq* tal-proċess.
[7] Ara Dok. RA 4 u RA 6, a fol. 160 *et seq* tal-proċess u a fol. 164 *et seq* tal-proċess.
[8] Dok. RA 5, a fol. 162 *et seq* tal-proċess.
[9] Dok. RA 7, a fol. 166 *et seq* tal-proċess.

Marsa sabiex jieħu ritratti tal-fond. Dawn ir-ritratti jinsabu esebiti a fol. 132 tal-proċess.[10]

**Edmond Galea** in rappreżentanza tal-*Lotteries and Gaming Authority* jixhed illi la **Anthony Gafa`** u lanqas **Raymond Brincat** ma kellhom liċenzja jew permess sabiex joperaw fil-qasam tal-logħob. Jgħid ukoll illi l-verifiki marru lura mis-sena 2005 'il quddiem.[11] Il-Qorti tinnota illi x-xhud fl-ebda waqt ma identifika lill-ko-imputati billi indika n-numru tal-karta tal-identita` rispettiva tagħhom.

**Keith Caruana** in rappreżentanza tat-*Trade Licensing Unit* jixhed in kwantu l-ko-imputat **Raymond Brincat**, illi kellu liċenzja maħruġa fis-6 ta' Settembru 2009 u kkanċellata fl-14 ta' Mejju 2013, fir-rigward tal-fond *Ġojja Amusement*, Triq Indri Cilia, Ħamrun. Mid-dokument esebit mix-xhud fir-rigward, taħt l-intestatura '*License Conditions'*, hemm il-kliem '*AMUSEMENT MACHINES SALES AND HIRE*'. In kwantu l-ko-imputat **Anthony Gafa`**, ix-xhud jixhed illi dan ma kellu l-ebda liċenzja.[12]

**PL Quinton Tanti** in rappreżentanza tal-*Malta Tourism Authority* esebixxa dokument fir-rigward tal-**ko-imputati** u l-fond *Rocky Bar* fil-Marsa u dan fis-sens illi l-fond in kwistjoni ma kellu l-ebda liċenzja mal-Awtorita`, kif lanqas il-ko-imputati ma kellhom liċenzja sabiex joperaw fl-istess *bar*.[13]

**Dr. Martin Bajada**, maħtur bħala espert f'dawn il-proċeduri minn din il-Qorti kif diversement preseduta sabiex jiddetermina n-natura tal-kaxxi mertu tal-każ odjern[14], esebixxa r-relazzjoni tiegħu fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2011 quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, li fiha kkonkluda illi l-erba' makni eżaminati minnu huma makni tal-logħob ta' sogru, kif jirriżulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-10 ta' Novembru 2004, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Maria Louise Carbonaro' u illi l-elementi indikati fl-istess sentenza jinsabu fil-makni eżaminata minnu.[15]

**WPC 25 Charlene Cilia** tixhed fir-rigward ta' dak li nstab fil-fond in konnessjoni mat-tiġrijiet taż-żwiemel.[16]

**Il-Maġġur 24 Josephine Gauci** tixhed illi fit-8 ta' Marzu 2006, għall-ħabta tat-3.30 p.m. marret flimkien mal-Ispettur Raymond Aquilina, WPC 25, WPC 64 u

[10] Ara a fol. 113 *et seq* u a fol. 130 *et seq* tal-proċess.
[11] Ara a fol. 115 *et seq* tal-proċess.
[12] A fol. 117 *et seq* tal-proċess.
[13] Ara a fol. 123 *et seq* tal-proċess.
[14] Ara a fol. 20 tal-proċess.
[15] Ara r-relazzjoni, esebita a fol. 54 *et seq* tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-espert Dr. Martin Bajada, a fol. 128 *et seq* tal-proċess u a fol. 149 *et seq* tal-proċess.
[16] A fol. 133 *et seq* tal-proċess.

PC 1084 ġewwa l-fond *Rocky Bar*, Triq it-Tiġrija, Marsa fejn hemmhekk kien hemm tnax-il *monitor* mixgħul. Tixhed illi **Kevin Brincat** kien wara l-*counter*. Ġew elevati flus, karti tal-*bets*, il-*monitors* imsemmija u erba' kaxxi tal-logħob.[17]

**Ex WPC 64 Connie Cauchi** tixhed illi nhar it-8 ta' Marzu 2006, marru fil-fond *Rocky Bar*, il-Marsa u hemmhekk meta telgħu fuq kien hemm diversi rġiel, xi *monitors* li x'ħin telgħet hi diġa` kienu mitfijin u xi karti bin-numri fuqhom. Tixhed illi dak il-ħin kien hemm ċertu **Stacey Chircop** li għaddielha dawn il-karti, għaliex diġa` kienu nqalgħu minn fuq in-*noticeboard*.[18]

**PS 494 Gordon Borg** jixhed illi fit-8 ta' Marzu 2006, sar *raid* f'fond ġewwa Triq it-Tiġrija Marsa, fejn kien hemm diversi nies, inkluż persuna li kien mal-bieb u li x'ħin identifikaw ruħhom bħala pulizija beda jgħajjat illi kien hemm il-pulizija. Telgħu t-taraġ u kien hemm affarijiet u materjal relatat mal-logħob tal-ażżard bħal karti, xi *monitors*, ammonti ta' flus inkluż diversi persuni bil-qegħda. Muri r-ritratti esebiti in atti, huwa għaraf il-post in kwistjoni bħala *Rocky Bar*. Jgħid ukoll illi nqalgħet konfużjoni b'diversi persuni jipprovaw jitilqu minn fuq il-post. Mill-fond ġew elevati xi *monitors* u *decoders* u affarijiet oħra relatati.[19]

Il-ko-imputat **Raymond Brincat** għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri. Huwa jgħid illi huwa jimporta makni tad-divertiment minn barra minn Malta. Fis-sena 2006, huwa kien jikri dawn il-makni. Fil-każ odjern, huwa kera l-makni in kwistjoni lill-ko-imputat Anthony Gafa` f'Awwissu tas-sena 2005, stante illi kien għadu kif kera ħanut ġewwa l-Marsa. Fir-rigward, huwa kellu kuntratt ma' Gafa`, li ġie esebit minnu bħala Dok. RB 1.[20] Jixhed illi dawn l-erba' kaxxi kien jikrihomlu bħala kaxxi tad-divertiment bil-prezz ta' għaxar Liri Maltin (Lm10) fix-xahar għal kull kaxxa. Iċ-ċwievet tal-kaxxi kien iżommhom hu stess u kien imur jiftaħhom darba fix-xahar. Jixhed ukoll illi fil-15 ta' Marzu 2006, huwa ġie nfurmat illi dawn il-kaxxi kienu ġew elevati mill-pulizija u huwa provda ċ-ċwievet tagħhom sabiex dawn jinfetħu. Jixhed in oltre illi dawn kienu makni ta' divertiment (*amusement machines*) u ma kinux irebbħu flus, kif ukoll illi huwa kellu permess mill-*Gaming Authority* sabiex ibiegħ u jikri dawn il-makni. Skont hu, dan il-permess kien ġie esebit minnu f'dawn il-proċeduri. Jgħid in oltre illi kien esebixxa wkoll il-*manuals* rigwardanti dawn il-makni tramite l-avukat difensur tiegħu ta' dak iż-żmien Dr. Jose` Herrera. F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota illi dawn il-*manuals* jinsabu esebiti fl-atti flimkien mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada. Jixhed in oltre illi ma jiftakarx jekk kellux rendikont tal-flus fil-kaxxi matul iż-żmien li huwa kien qed jikrihom lil Gafa` u illi huwa

---

[17] A fol. 136 *et seq* tal-proċess.
[18] A fol. 139 *et seq* tal-proċess.
[19] A fol. 142 *et seq* tal-proċess.
[20] A fol. 232 tal-proċess.

kien iħallas it-taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq kull makna, f'kull ħanut. Jixhed ukoll illi l-makni in kwistjoni kienu jieħdu kemm muniti, kif ukoll karti tal-flus.[21]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok jeħtieġ illi l-Qorti tiddetermina l-valur probatorju li għandhom jingħataw l-istqarrijiet rilaxxjati mill-ko-imputati ossia minn Anthony Gafa` nhar it-8 ta' Marzu 2006 u nhar it-30 ta' Settembru 2006 rispettivament, kif ukoll mill-ko-imputat Raymond Brincat nhar il-15 ta' Marzu 2006.

Fir-rigward, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-imputat Anthony Gafa` jissottometti illi l-Qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni tal-istqarrijiet rilaxxjati minnu u dan fid-dawl tal-fatt illi meta l-istess stqarrijiet ġew hekk rilaxxjati, huwa ma kellux il-jedd la illi jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, u lanqas illi jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju. L-istess jissottometti l-ko-imputat Raymond Brincat fin-nota ta' sottomissjonijiet intavolata minnu u dan b'referenza għall-ġurisprudenza indikata minnu fl-istess nota.

Illi fil-fatt jirriżulta ċar illi dawn l-istqarrijiet ġew rilaxxjati mill-ko-imputati fiż-żmien meta l-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna suspettata jew arrestata d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ir-rilaxx tal-istqarrija, wisq inqas illi tali persuna tkun assistita minn avukat waqt l-istess stqarrija. L-ewwel jedd daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviż Legali 35/2010, filwaqt illi t-tieni wieħed daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, is-sentenzi fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et** (Qorti Kostituzzjonali, 5 ta' Ottubru 2018), **Graziella Attard vs Avukat Ġenerali** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Settembru 2019), **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **Clive Dimech vs Avukat Ġenerali** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022), fid-dawl ta' liema sentenzi qegħda tqis l-istqarrijiet rilaxxjati rispettivament mill-ko-imputati, mingħajr il-jedd tal-assistenza legali qabel u waqt l-istess stqarrijiet bħala nieqsa minn valur probatorju. Dan naturalment japplika wkoll għax-xhieda tal-Ispettur Raymond Aquilina in kwantu jirreferi għal dak li ntqal lilu mill-ko-

[21] Ara a fol. 185 *et seq* tal-proċess.

imputati waqt l-investigazzjoni, inkluż dak li setgħu qalulu qabel l-istqarrijiet rilaxxjati minnhom.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti tirreferi għall-<u>Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali</u> li jgħid hekk:

> "Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra".

Għalhekk dak li xehed il-ko-imputat Brincat f'dawn il-proċeduri ma jagħmel l-ebda prova fil-konfront tal-ko-imputat l-ieħor, iżda jagħmel prova biss fil-konfront tiegħu. In oltre bl-applikazzjoni tal-istess artikolu, l-istqarrijiet rispettivi tal-ko-imputati lanqas ma jagħmlu prova fil-konfront ta' xulxin. F'dan il-każ partikolari u għar-raġunijiet fuq spjegati, tali stqarrijiet huma nieqsa minn valur probatorju anke fil-konfront tal-ko-imputati li rrilaxxjawhom.

Illi in oltre <u>l-Artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali</u> jgħid hekk:

> "636. Ebda eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud ma tiġi milqugħa minħabba –
>
> ...
>
> (b) li kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xiehda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunità sabiex hekk ikun jista' jixhed;"

Hawnhekk il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal f'digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fit-22 ta' Diċembru 1998 fil-kawża fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia</u>**:

> "...**persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm 'ko-akkuzati' fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument *a contrario sensu* li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali,**
>
> **" '...[la] quale disposizione non pone alcuna distinzione circa il grado in cui il teste fosse stato imputato, se, cioe`, come autore o coautore del delitto o come complice, essendo solo importante per i fini della ammissibilita` della sua deposizione che egli, non avendo**

**a temere alcuna azione criminale per quanto va a deporre, non abbia l'interesse di scagionarsi e di incriminare altri' (R. v. Carmelo Cutajar ed altri, 18/1/1927, Kollezz Deciz XXVI iv 758, 760).**

**"Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-segwenti decizzjonijiet: R. v. Filippo Pace, Qorti Kriminali, 14/11/1890, Kollezz. Deciz. XII.531; P. v. Toni Pisani, App. Krim, 11/11/1944, Kollezz Deciz XXXII.iv.792; R v Karmnu Vella, Qorti Kriminali, 3/12/47, Kollezz Deciz XXXIII.iv.547; P v Alfred W Luck et, App. Krim., 25/4/1949, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.870; u Rep. v. Domenic Zammit et, Qorti Kriminali, 15/12/1997 kif integrata bid-decizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-istess ismijiet tal-31/7/1998.**"

Għaldaqstant bl-applikazzjoni tal-imsemmija artikoli tal-liġi, ix-xhieda tal-ko-imputat Raymond Brincat f'dawn il-proċeduri ma tagħmilx prova la favur u lanqas kontra l-ko-imputat l-ieħor Anthony Gafa`, iżda biss prova fil-konfront tiegħu stess ossia tal-istess Raymond Brincat. Dan naturalment japplika wkoll għad-dokumenti esebiti minn Brincat waqt ix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Stabbiliti dawn il-punti, jeħtieġ illi l-Qorti tikkunsidra l-fatti tal-każ. Fl-ewwel lok, skartati l-istqarrijiet tal-ko-imputati Anthony Gafa` u Raymond Brincat, u tenut kont illi x-xhieda tal-ko-imputat Raymond Brincat ma tagħmilx prova fil-konfront tal-ko-imputat l-ieħor, mir-rimanenti provi proċesswali jirriżulta biss illi Anthony Gafa` kien preżenti fil-post, fil-parti tal-fond fejn kien hemm l-erba' makni tal-logħob in kwistjoni, meta l-Pulizija aċċedew fl-istess fond. L-involviment u l-konnessjoni ta' Gafa` mal-istess fond jew mal-makni in kwistjoni ma tirriżultax fil-grad li trid il-liġi. Verament illi jirriżulta illi fil-waqt illi kien hemm il-Pulizija fuq il-post, daħal ċertu Stacey Chircop li talab lill-ko-imputat sabiex jaqdih billi jagħtih ix-xorb, iżda dan ma jwassalx għall-konklużjoni neċessarja illi Gafa` kien responsabbli mill-fond jew tal-inqas minn dik il-parti tal-fond jew mill-makni li kienu jinsabu fl-istess fond jew altrimenti illi għamel dak indikat fl-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Stacey Chircop lanqas ma ttella' bħala xhud f'dawn il-proċeduri.

Sa hawn il-Qorti diġa` tqis illi l-ko-imputat Gafa` ma jistax jinstab ħati tar-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u dan oltre l-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti iżjed 'il quddiem, li japplikaw bl-istess mod għall-istess ko-imputat. Tqis ukoll illi dawn l-imputazzjonijiet jikkontemplaw reati taħt il-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta, li kif ingħad iżjed 'il fuq, flimkien mal-Kapitolu 400 tal-Liġijiet ta' Malta, ġie abrogat fil-mori tal-proċeduri u dan bis-

saħħa tal-**Att XVI tas-sena 2018** b'effett mill-1 ta' Jannar 2019[22], salv għal dawk id-disposizzjonijiet dwar logħob provdut b'mezzi ta' komunikazzjoni minn distanza li kellhom effett biss sal-31 ta' Lulju 2018. Bis-saħħa tal-istess Att li ħassar u abroga d-disposizzjonijiet tal-Kapitoli 400 u 438 tal-Liġijiet ta' Malta, daħlu fis-seħħ disposiżizzjonijiet ġodda dwar il-governanza u r-regolamentazzjoni dwar il-logħob magħruf bħala l-**Att dwar il-Logħob**, illum il-**Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta**. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tagħha fil-konfront tal-ko-imputat Anthony Gafa`, u la darba l-Qorti tqis illi mill-provi li jirriżultaw ma tistax tinstab ħtija fl-istess ko-imputat dwar ir-reati taħt il-liġi kif abrogata, ikun inutli għal din il-Qorti illi tikkunsidra u tistabilixxi jekk ir-reati taħt il-Kapitolu 438 li bihom l-istess imputat jinsab mixli għadhomx jikkonstitwixxu reati taħt il-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

In kwantu l-ko-imputat Raymond Brincat, jirriżulta mill-provi prodotti ossia mix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, illi huwa mporta l-erba' makni tal-logħob li nstabu fil-fond '*Rocky Bar*' nhar it-8 ta' Marzu 2006, liema makni huwa krihom lill-ko-imputat Anthony Gafa` sabiex jintużaw fil-fond imsemmi.

Għall-kunsiderazzjoni dwar il-ħtija o meno tal-istess ko-imputat fir-rigward tar-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet, jeħtieġ illi l-Qorti tqis il-provi li tressqu mill-Prosekuzzjoni dwar in-natura u l-użu tal-erba' makni in kwistjoni.

Il-Qorti tosserva illi għajr għad-deposizzjoni tal-Ispettur Raymond Aquilina, ħadd iktar mix-xhieda ma xehed dwar dawn il-makni, għajr għal PS 964 Robert Scicluna li ffotografa l-istess makni, u l-ko-imputat Brincat innifsu u dan apparti l-espert Dr. Martin Bajada, maħtur minn din il-Qorti kif diversament preseduta. Kif ingħad, Raymond Brincat xehed illi kien hu li kkonsenja l-erba' makni li nstabu fil-fond lil Anthony Gafa`, b'dan illi huwa jisħaq illi l-makni in kwistjoni, li ġew elevati mill-Pulizija, ma kinux makni tal-logħob, iżda makni tad-divertiment. Raymond Brincat jixhed ukoll illi l-Awtorita` kienet tagħtu permess sabiex ikun jista' jopera l-istess makni, b'dan illi ma ġie esebit ebda permess bħal dan fil-mori tas-smigħ ta' dawn il-proċeduri.

Għall-finijiet ta' kompletezza, il-Qorti tosserva illi din il-Qorti kif diversament preseduta nnominat lil Dr. Martin Bajada bħala espert, bl-inkarigu li *'jiddetermina n-natura tal-kaxxi in kwistjoni'*. Id-digriet tal-ħatra appena msemmi jsegwi x-xhieda tal-Ispettur Raymond Aquilina, li fl-istess seduta esebixxa, fost oħrajn, *"Ircevuta li ngħatat lill-akkużat Raymond Brincat dwar l-erba' (4) kaxxi nvoluti f'dan il-kaz kontenenti flus kif speċifikat fl-istess riċevuta"*.

[22] Ara l-Artikolu 57(4) tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-irċevuta, esebita a fol. 30 tal-atti, tagħmel referenza għal erba' kaxxi elevati mill-fond *Rocky Bar,* fil-Marsa u erba' kaxxi oħra elevati mil-fond bl-isem *Ritz Bar* fil-Ħamrun. Dawn il-kaxxi huma deskritti biss bħala '*Machine No. 1',* '*Machine No. 2*', *'Machine No. 3*' u '*Machine No. 4*' u ma ssir l-ebda referenza għall-isem jew in-numru serjali li setgħu kienu mmarkati bihom l-istess kaxxi. L-istess irċevuta mandankollu tindika l-flus li kienet tikkontjeni kull kaxxa, u hija ffirmata mill-ko-imputat Raymond Brincat, li mix-xhieda tiegħu jirriżulta illi kien huwa stess illi kkonsenja ċ-ċwievet tal-istess kaxxi lill-Pulizija sabiex dawn jinfetħu, kif ukoll illi kien huwa stess illi fetaħ l-istess kaxxi fil-presenza tal-Pulizija. Il-Qorti rat ukoll ir-ritratt RS 8 li ttieħed fil-fond *Rocky Bar* minn PS 964 Robert Scicluna qabel l-istess makni ġew elevati mill-istess fond, mil-liema jirriżulta illi kien hemm żewġ makni *Big Century* ta' lewn ikħal, makna waħda *Big Century* ta' lewn abjad, u makna waħda bl-isem *Megatouch*. Dawn l-istess makni jidhru wkoll fotografati f'ritratti (li skont in-notamenti fuq l-*envelope* li fihom jinsabu dawn ir-ritratti, ġew meħuda minn PC 465 Daniel Abela fil-15 ta' Marzu 2006) li jinsabu annessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, li fid-dokumenti annessi minnu mal-istess relazzjoni, jagħmel referenza għall-istess makni ossia '*Megatouch Mexx*' u tlieta bl-isem ta' '*Big Century*'. Il-Qorti għalhekk hija sodisfatta illi l-erba' makni li ġew spezzjonati mill-espert Dr. Martin Bajada u li għalihom tirreferi r-relazzjoni tiegħu kienu proprju l-makni li ġew elevati mill-fond *Rocky Bar* fil-Marsa, nhar it-8 ta' Marzu 2006 u li dwarhom il-ko-imputat Raymond Brincat iffirma l-irċevuta esebita a fol. 30 tal-proċess.

**Ikkunsidrat ukoll:**

In kwantu r-raba' imputazzjoni, din tikkontempla r-reat kif kien viġenti taħt l-Artikolu 6(a) tal-Kap. 438 tal-Liġijiet ta' Malta li kien jaqra hekk:

> "Ikun reat kontra dan l-Att li xi persuna –
>
> (a) topera, tippromwovi, tbiegħ, jew tipparteċipa fi, jew b'xi mod li jkun tgħin jew tħajjar l-operat, promozzjoni jew bejgħ ta' logħba bi ksur tal-artikoli 3 jew 4"

Fil-fehma tal-Qorti l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap. 438 tal-Liġijiet ta' Malta ma jirrigwardax logħob li jintlagħab permezz ta' makni tal-logħob, bl-Artikolu 3 jirrigwarda iżjed aspetti transkonfinali, tant illi jirreferi għal "*logħba li toriġina minn Malta jew li tiġi offruta minn Malta jew li tinvolvi transazzjoni li tiġi konkluża f'Malta*", fil-waqt li l-Artikolu 4 jirrigwarda logħbiet li huma msejsa fuq ir-riżultat ta' logħbiet oħra; fatti dawn li ma jirriżultawx fil-każ odjern.

L-Artikolu 6(b) tal-Kap. 438 tal-Liġijiet ta' Malta, li għalih tirreferi il-ħames imputazzjoni, imbagħad, kien jaqra hekk:

> Ikun reat kontra dan l-Att li xi persuna –
>
> ...
>
> (b) topera, tippromwovi jew tbiegħ jew b'xi mod li jkun tgħin jew tħajjar l-operat, promozzjoni jew bejgħ ta' logħba bi ksur tal-artikolu 5"

L-Artikolu 5 tal-istess Kapitolu kien jirrigwarda l-projbizzjoni tal-operat, il-promozzjoni jew il-bejgħ minn kwalsiasi persuna f'Malta ta' logħba mhux awtorizzata bis-saħħa tal-liġi ta' Malta jew xi liġi ta' xi pajjiż ieħor hemm imsemmi. Anke li kieku kellu jitqies applikabbli dan l-artikolu, il-Qorti tikkunsidra, anke kif ser jingħad aktar il-quddiem, illi l-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova dwar l-operat, il-promozzjoni jew il-bejgħ ta' logħba, kif definita fl-Artikolu 2 tal-istess Kapitolu, skont liema artikolu tfisser "*... logħba tal-ażżard u logħba tal-ażżard u abbiltà, imma ma tinkludix ... (ii) logħba tad-divertiment."*

Dan qed jingħad għaliex fil-fehma tal-Qorti, il-konklużjoni tal-espert nominat, Dr. Martin Bajada, li eżamina l-makni elevati fid-dawl tal-Avviż Legali 43 tas-sena 1988, kif ukoll fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maria Louisa Carbonaro**, ma tibbastax għall-finijiet ta' sejbien ta' ħtija. Din il-kunsiderazzjoni qegħda issir *inter alia* fuq l-iskorta ta' dak deċiż minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dustin Caruana** nhar l-10 ta' Mejju 2016, fejn ingħad dak li jsegwi:

> "Il-Prosekuzzjoni hija fid-dmir li tipprova lil Qorti l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni fl-elementi formali u materjali tal-każ. F'dan il-każ biex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi liema minn dawn l-imputazzjonijiet tabbraċċja trid bil-fors tasal għal konklużjoni (ta' fatt aktar milli ta' dritt) dwar x'inhi n-natura fattwali tal-magni eżibiti kif ukoll x'użu speċifiku kien qiegħed isir minnhom f'dan il-każ partikolari. In-natura fattwali tal-magni eżibiti trid tiġi pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-Prosekuzzjoni stess. Il-Prosekuzzjoni ma tistax tassumi u tieħu bħala fatt skontat l-istess fatt li dawn il-magni jew jaqgħu taħt kategorija jew jaqgħu taħt oħra jew li kienu qegħdin jiġu wżati bħala logħob tal-ażżard, jew logħob tal-ażżard u abbilta' jew logħob tad-divertiment bi premju jew mhux. Hija trid tipprova x'tip ta' magni kienu u wkoll jekk ma jkunx ċar il-ġeneru tal-magni, tkun trid tipprova x'użu jkun qed isir minnhom. Jekk tonqos minn dan id-dmir, ma tistax tistrieħ fuq l-assunzjoni li l-Qorti tista' tasal – xjenza fattwali proprja – liema magna għandha tiġi ritenuta taħt liema kategorija ta' magni jew x'użu kien qiegħed isir.
>
> ...

> F'dan il-każ pero sabiex il-Qorti tkun tista' tasal għall-konklużjoni tagħha teħtieġ mhux daqstant l-interpretazzjoni tagħha tad-dritt in disamina daqskemm informazzjoni dwar in-natura tal-logħob in kwistjoni nonche tal-użu li jkun qiegħed isir bihom. Jiġifieri dak li l-Qorti teħtieġ li tiddependi l-ġudizzju tagħha f'dan il-każ hija d-determinazzjoni fattwali ta' jekk logħba hix logħba tal-azzard, jew logħba tal-azzard u abbilita jew hix logħba tad-divertiment jew almenu mill-fatti ta' dan il-każ kienetx logħoba li taqa' taħt il-kategorija tal-azzard jew tad-divertiment. Din id-distinzjoni hija waħda ta' fatt li biex tiġi determinata jista' jkun teħtieġ ċerta għarfien tekniku u li jrid fi kwalunkwe każ jiġi pruvat mill-Prosekuzzjoni
>
> ...
>
> Ġie pruvat li l-magni jaċċettaw flus biex jitħadmu – il-"Miss Bowling Turbo five in line" taċċetta kemm muniti u karti filwaqt li l-"Mega touch Max" taċċetta muniti biss. Għall-Jurgen Tanti din il-"Miss Bowling Turbo five in line" – "ma hijiex game of skills, it is an illegal gaming device" filwaqt li l-"Mega touch Max" "sibniha li kien fiha logħob ta' karti u logħob li ssibu f'casino". Dan ix-xhud il-makni ma ħaddimhomx; iżda meta ra d-display ra li dawn il-logħob mhux suppost qiegħed fuq dawn il-magni.
>
> Biss ma jirrispondix għall-aktar mistoqsija importanti għal din il-Qorti – "għaliex?" – għaliex hija logħoba tal-azzard, jew hija logħoba tal-azzard u abbilita jew hija logħoba tad-divertiment – bi premju jew mhux… U aktar important x'tip ta' logħoba fil-fatt kienet – kienet logħba tal-azzard, logħba ta' azzard u abbilta' jew inkella kienet logħba tad-divertiment. Aktar minn hekk ried jiġi pruvat jekk fil-fattispeċje ta' dan il-każ din il-magna kienetx qed tiġi użata bħala logħba tal-azzard, logħba ta' azzard u abbilta' jew inkella kienet logħba tad-divertiment. Biss din il-prova hija nieqsa" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-każ odjern, il-Qorti tqis illi minkejja li l-espert maħtur jikkonkludi illi l-makni in kwistjoni kienu makni tal-logħob ta' sogru, huwa jispeċifika biss illi dan kien il-każ għaliex tali makni kellhom l-elementi indikati fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fuq imsemmija, b'dan għalhekk illi l-Qorti tifhem, mid-dokumentazzjoni annessa mill-espert dwar l-aspetti ta' dawn il-makni, li lanqas ma ġew spjegati minnu fir-relazzjoni tiegħu, illi l-istess espert wasal għal din il-konklużjoni stante illi l-makni in kwistjoni kienu jagħtu l-krediti. Skont is-sentenza msemmija anke jekk makna tagħti biss krediti ta' logħob, dan ma jfissirx illi dawn il-krediti ma jistgħux jissarfu fi flus biex b'hekk min jilgħab u jirbaħ ikun qiegħed jottjeni r-rebħ tiegħu ta' flus indirettament. Ma tirriżulta l-ebda prova madankollu, fil-każ odjern, illi dan kien il-każ, kif lanqas ma tirriżulta għalhekk il-prova tal-użu speċifiku li effettivament kien qed isir minn dawn il-makni ossia jekk dawn kinux qed jiġu wżati bħala makni tal-logħob tal-azzard jew logħob tad-divertiment.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, il-Qorti tqis illi l-ħames imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata la fil-konfront tal-ko-imputat Brincat u lanqas fil-konfront tal-ko-imputat Gafa` (miżjud dan mal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti iżjed 'il fuq fir-rigward tal-istess Gafa`).

In kwantu s-sitt imputazzjoni, ma jirriżultax illi l-ko-imputat Brincat (u lanqas del resto l-ko-imputat Gafa` fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq magħmula fir-rigward tal-istess Gafa`) ippermettew l-użu tal-post in kwistjoni ossia l-fond *Rocky Bar* bil-għan hemmhekk indikat.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis għal darb'oħra illi la darba l-ebda imputazzjoni ma tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, lanqas fil-konfront tal-ko-imputat Brincat, ikun inutli għall-Qorti illi tikkunsidra u tistabilixxi jekk ir-reati kif kienu viġenti taħt il-Kapitolu 438 għadhomx jikkonstitwixxu reat taħt il-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta.

Isegwi wkoll illi la darba mhijiex tinstab reita` fil-ko-imputat Anthony Gafa`, lanqas ma jista' jinstab ħati talli huwa reċidiv, fit-termini tal-aħħar imputazzjoni.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-ko-imputati **Anthony Gafa`** u **Raymond Brincat**, qed issib lill-istess ko-imputati mhux ħatja tar-raba', tal-ħames u tas-sitt imputazzjonijiet u in kwantu l-ko-imputat **Anthony Gafa'** waħdu mhux ħati lanqas tal-addebitu tar-reċidiva u qegħda tilliberahom minnhom.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

Oriana Deguara
Deputat Reġistratur